**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Joseph Gauci detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 19347(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 860/2011

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Gauci u ċioè talli:

1. bejn Jannar 2005 u Frar 2008 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fil-kapacità tiegħu personal kif ukoll bħala Direttur tas-soċjetà *Alpa Catering Limited*, appropja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' ma ħallastx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta **€27,939.25**, ai termini tal-artikoli **18, 293 u 294** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jiġu mibdula, ai terminu tal-artikoli **49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta' Marzu, 2016.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, id-data ta' meta twettqu, kif ukoll tal-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux allarmanti izzejjed tohloq preokkupazzjoni in vista li nstab hati fuq offizi simili fil-passat. Madanakollu hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ma ghandux aktar pendenzi mad-Dipartiment dwar il-Valur Mizjud.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**